MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 548/2010

**Harbour Management Limited**
**C29326**

**vs**

**Roper Paul Thomas**
**ID33246-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti talbet li l-intimat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tnax-il Euro u tmintax-il centezmu (€2,612.18c) rapprezentanti hlasijiet dovuti mill-intimat lis-socjeta' rikorrenti ghal servizzi ta' irmigg u l-provvista ta' l-elettriku f'Manoel Island Marina ghad-dghajsa 'Neverland', liema servizzi gew rezi fuq inkarigu u struzzjonijiet ta' l-intimat u li sa llum ghadhom mhux imhallsa (Vide: Dok. A, B, C u D).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv, kollox kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talba qeghda tigi kkontestata; Il-kumpanija attrici ghandha qabel xejn tipprezenta prospett dettaljat sabiex l-eccipjenti jkun jista’ jiddefendi ruhu u jirriserva li jeccepixxi ulterjorment appena jigi pprezentat l-istess prospett; Illi sa fejn jaf l-esponenti m’ghandu jaghti xejn lill-kumpanija attrici.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob hlas tas-somma ta’ elfejn, sitt mija u tnax-il Euro u tmintax-il centezmu (€2,612.18c), liema ammont jirraprezenta konsum tad-dawl u ilma ta’ dghajsa bl-isem *‘Neverland’* li kienet *berthed* fil-Marina ta’ Manoel Island, u dan ghall-perjodu bejn Ottubru 2004 sa Dicembru 2005. Illi s-socjeta’ attrici fiz-zmien imsemmi kienet tottjeni hlas bil-quddiem tal-irmigg, filwaqt illi rigward il-provvista ta’ dawl u ilma kien jintalab il-hlas tieghu skond il-konsum. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi l-istess socjeta’ attrici kellha persuni impjegati maghha, li fost affarijiet ohra, kienu jiehdu l-qari tal-*meters* relattivi ghall-konsum tad-dawl, liema *meters* kienu jkunu f’*module* li kien ikun imsakkar, u li kien ikollhom access ghalih biss il-proprjetarji tad-dghajjes li kienu jkunu *berthed* ma’ pontoon partikolari. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi s-sistema li tintuza llum ghal dak li jirrigwarda l-konsum ta’ dawl u ilma minn dghajjes li jkunu *berthed* fil-Marina huwa ta’ sistema *prepaid*, filwaqt illi fiz-zmien li tittratta dwaru din il-kawza, il-hlas kien bis-sistema tal-*counter*, u kien ghalhekk illi kien mehtieg illi jittiehdu r-*readings* tal-*meter*.

Illi l-konvenut jikkontendi illi l-ammont reklamat in forza ta’ din l-azzjoni mhuwiex dovut ghaliex tali konsum ta’ dawl u ilma kien inkluz fl-irmigg, u ghalhekk ma kellux jinhareg kont separatament ghaliex kien ‘gia mhallas. Illi oltre dan l-istess konvenut jikkontendi wkoll illi l-ammont mitlub huwa esagerat, ghaliex minn verifiki li wettaq, l-ammont li seta’ kien dovut ma kellux jeccedi mitejn lira Maltin (Lm200), ekwivalenti ghal erba’ mija, hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87c). Illi l-konvenut isostni illi fiz-zmien meta d-

dghajsa kienet *berthed* fil-Marina, din ftit li xejn kienet tintuza, ghaliex l-istess konvenut kien qed jghix gewwa appartament f' tas-Sliema. Illi ghalhekk ma kienx qed ikun hemm uzu regolari mill-provvista tal-elettriku, oltre illi l-*appliances* illi kienu konnessi mal-provvista tad-dawl kienu ftit, senjatament *television*, *fridge, battery charger* u kitla tal-elettriku. Illi l-istess konvenut jikkontendi wkoll illi kien ikun hemm hafna caqliq dwar il-postijiet, ossia meters, minn fejn kien jinghata l-provvista tad-dawl, u mhux mill-istess *module* kif gie dikjarat mill-impjegati tas-socjeta' attrici, u ghalhekk kien ser ikun difficli illi jigi stabbilit x'konsum kien sar specifikament min-*'Neverland'*. Illi dan oltre l-fatt illi kien ikun hemm okkazzjonijiet meta kien jinghata provvista tad-dawl minghand dghajjes ohra. Illi l-konvenut jikkontendi illi minhabba dawn ic-cirkostanzi, kien ikkomunika ma' persuni fi hdan is-socjeta' attrici, senjatament ma' certa Lydia, u li kien hemm ftehim illi minhaba li kien ser ikun difficli li jigi stabbilit il-konsum tad-dawl, allura l-*berthing fee* kienet ser tikkomprendi l-ispejjez ta' konsum ta' dawl u ilma. Illi l-konvenut iddikjara wkoll illi hu rcieva l-kont relattiv ghal dan il-konsum bosta zmien wara li kien waqaf jghamel uzu mis-servizzi ta' irmigg li tipprovdi s-socjeta' attrici, u meta rcieva dan il-kont, huwa vverifika mal-Korporazzjoni Enemalta dwar ir-rati tal-konsum ghaz-zmien imsemmi, u din l-informazzjoni taha lill-Accountant tas-socjeta' attrici, sabiex din tirrevedi l-kont mahrug minnha, liema ezercizzju baqa' ma sarx.

Illi xehed ukoll rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta illi in bazi tal-informazzjoni li nghata pprovda informazzjoni approssimattiva dwar il-konsum ta' dawl li jsir minn dghajsa tad-daqs tan-*'Neverland'* li tkun qed tghamel uzu mill-*appliances* imsemmija, liema rati jirrizultaw mid-dokument li jinsab a fol.92 tal-atti.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi s-socjeta' attrici tipprovdi servizzi ta' irmigg fil-Marina ta' Manoel Island, u l-konvenut – li kien proprjetarju ta' dghajsa bl-isem *'Neverland'* – kien ghamel uzu mis-servizzi tas-socjeta' attrici fil-perjodu bejn Ottubru 2004 sa Dicembru 2005. Illi rrizulta wkoll illi l-konvenut wettaq hlas bil-quddiem ghal dawn is-servizzi ta' irmigg, u dan kif jirrizulta minn skrittura datata 26 ta' Ottubru 2004, li kopja taghha tinsab in atti a fol. 33. Illi in forza ta' din l-azzjoni, is-socjeta' attrici qed titlob li tottjeni hlas minghand il-konvenut tal-ammont ta' elfejn, sitt mija u tnax-il Euro u tmintax-il

centezmu (€2.612.18c) li jirraprezenta l-konsum ta' dawl u ilma minn din id-dghajsa fil-perjodu relattiv.

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-konvenut irrizulta illi l-ftehim ta' irmigg ma giex iffirmat minnu, u l-istess konvenut jiddikjara li jista' jkun li din l-iskrittura giet iffirmata minn habiba tieghu, certa Linda Shaw. Madanakollu, l-konvenut mhux qed jikkontesta illi fil-perjodu relattiv id-dghajsa kienet proprjeta' tieghu, u lanqas m'hu qed jikkontesta illi tul dan l-istess perjodu ghamel uzu mis-servizzi li tipprovdi s-socjeta' attrici. Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut in rigward din l-azzjoni hija bbazata fuq zewg aspetti, u cioe' illi fil-hlas imwettaq minnu bil-quddiem ghall-irmigg hemm inkluz ukoll il-konsum tad-dawl u ilma, u li fi kwalunkwe kaz, l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici huwa esagerat, u dan tenut kont tar-rati ghall-konsum tad-dawl applikabbli fiz-zmien in kwistjoni.

Illi dwar l-ewwel punt, u cioe' illi fil-hlas li wettaq lis-socjeta' attrici ghall-irmigg hemm inkluz ukoll il-konsum tad-dawl u ilma, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjarat illi kemm-il darba kien hemm xi eskluzjoni jew deroga mill-procedura normali, allura dan kien jirrizulta mill-iskrittura. Illi ghalhekk ladarba m'hemmx specifikament indikat fl-iskrittura illi l-ispejjez tal-irmigg jinkludu l-konsum tad-dawl u ilma, allura l-procedura hija illi dawn jinhareg kont, ossia fattura ghalihom separatament, u dan in bazi tal-qari illi jkun ittiehed mill-meter illi jkun gie allokat lil dghajsa partikolari. Illi f'dan ir-rigward, *berthing assistant* impjegat fi hdan is-socjeta' attrici ddikjara illi wahda mill-mansjonijiet tieghu kienet precizament illi perjodikament jiehu r-*readings* mill-*meter* sabiex sussegwentement jinhareg il-kont lill-klijent li jkun ghamel uzu minn dak il-module tad-dawl. Illi in rigward l-allegat ftehim li l-konvenut isostni li kellu mas-socjeta' attrici, dwar il-fatt illi ma kienx ser ikun dovut hlas ghall-konsum tad-dawl, il-konvenut iddikjara illi tul il-perjodu in kwistjoni kien ikun hemm okkazjonijiet meta hu kien jghamel uzu minn *feed* tal-elettriku ta' dghajjes ohra – u dan bi ftehim mas-sidien taghhom – u dan ghaliex kien ikun hemm okkazjonijiet meta ma kienx ikun hemm meters sufficjenti tad-dawl – partikolarment fiz-zmien meta tkun ser issir il-*MiddleSea Race Malta* – jew anke minhabba problemi fil-provvista tal-elettriku; illi il-konvenut isostni illi ghalhekk kien intlahaq ftehim ma' xi impjegati fi hdan is-socjeta' attrici, illi ma kienx ser ikun dovut hlas ghall-konsum tad-dawl. Madanakollu, din l-allegazzjoni ma giet sostanzjata mill-konvenut bl-ebda mod, la permezz ta' xi ftehim in iskritt f'dan ir-rigward, u lanqas permezz ta' konferma verbali mill-persuni li allegatament lahaq il-ftehim maghhom.

Illi ghalhekk din il-linja difenzjonali tal-konvenut ma giet bl-ebda mod sostanzjata, u ghalhekk ma tistax titqies bhala kredibbli u gustifikata. Illi oltre dan, huwa pertinenti li jigi rilevat illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta l-ammont mitlub, ghaliex deherlu li ai termini tal-ftehim li kellu mas-socjeta' attrici, dan ma kienx dovut, madanakollu, iddikjara wkoll illi l-ammont huwa esagerat, u kien ghamel proposta ta' hlas f' ammont ferm inferjuri minn dak mitlub. Illi tali proposta ta' transazzjoni xxejjen l-argument tieghu illi kien hemm xi ftehim mas-socjeta' attrici illi ebda hlas ma kien dovut, ghaliex altrimenti ma kienx iressaq tali proposta ta' hlas, u kien jibqa' jirrifjuta milli jwettaq kwalunkwe hlas ulterjuri lis-socjeta' attrici.

Illi dwar il-linja difenzjonali li l-ammont mitlub huwa esagerat, il-konvenut ressaq bhala xhud tieghu lil rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta, li pprovda informazzjoni dwar ir-rati applikabbli ghall-konsum tad-dawl fiz-zmien relattiv. Illi ghalkemm dan ir-rapprezentant ma setax jistabilixxi x'konsum kien hemm in rigward din id-dghajsa partikolari, madanakollu, pprovda l-informazzjoni sabiex wiehed ikun jista' jasal ghal ammont approssimattiv, u dan in bazi tal-*appliances* li l-konvenut iddikjara li kellu fuq id-dghajsa li kienu konnessi mal-provvista tal-elettriku.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-unika informazzjoni u provi li ressqet is-socjeta' attrici in sostenn tat-talba taghha huma diversi fatturi li minnhom jirrizulta l-ammont mitlub, oltre 'lli fil-fattura li tinsab a fol.37 tal-atti, li hija datata 9 ta' Marzu 2006, hemm indikat il-*unit price* li in bazi tieghu nhadem l-ammont li s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tieghu. Illi dan il-*unit price* jaqbel ma' dak rizultanti mill-informazzjoni li pprovda r-rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta, ghalkemm fil-fattura jidher li huwa f'denominazzjoni ta' Lira Maltija, filwaqt illi l-informazzjoni li pprovda r-rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta huwa f'Euro. Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, mistoqsija kellhomx rendikont tar-*readings* li ttiehed mill-module relativ iddikjaraw li kien jittiehed il-qari tal-konsum, izda ddikjaraw ukoll illi ladarba jinhareg il-kont lill-klijent, allura jiddisponu minn tali qari.

Illi jidher illi l-kont relattiv ghall-konsum tad-dawl u ilma nhareg wara li spica l-ftehim ta' irmigg, u dan tenut kont tal-fatt illi l-fattura relattiva hija datata Marzu 2006, oltre dak li gie dikjarat mill-konvenut illi hu rcieva l-kont minghand is-socjeta' attrici diversi xhur wara li kien biegh din id-dghajsa. Illi kemm-il darba l-procedura kienet kif deskritta mill-*berthing*

*assistant* impjegat mas-socjeta' attrici, u cioe' illi kien jittiehed il-qari tal-*meter* perjodikament, allura ma jsegwix illi l-kont inhareg wara li spicca l-ftehim ta' irmigg, u mhux man mano illi kien qed ikun hemm il-konsum. Illi t-Tribunal jinnota illi s-socjeta' attrici ma ressqet ebda provi sabiex tissostanzja u tispjega kif waslet ghall-ammont mitlub f'din il-kawza, u strahet kompletament fuq il-fattura mahruga minnha, u diversi rendikonti mibghuta in segwitu ghal tali fattura.

Illi fid-dawl tad-deposizzjoni li nghatat mir-rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta, jirrizulta illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici – li ma gie bl-ebda mod sostanzjat – huwa fil-fatt esagerat, u dan tenut kont illi bir-rati applikabbli ghaz-zmien relattiv b'konsum ta' ammont approssimattiv ta' madwar tliet-(3) units kulljum, allura l-ammont li kien ikun dovut mill-konvenut huwa ferm inferjuri ghal dak reklamat mis-socjeta' attrici. Illi effettivament dan kien ikun aktar qrib lejn l-ammont li offra l-hlas tieghu il-konvenut, u cioe' madwar mija u tmenin lira Maltin (Lm180), ekwivalenti ghal erba' mija u dsatax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€419.28c). Illi madanakollu, dan ma jikkomprendix konsum ta' ilma, li ma tressqet ebda prova dwar ir-rati applikabbli f'dan ir-rigward.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba mhux kontestat mill-konvenut illi kien hemm provvista tal-elettriku u ilma, u l-konvenut kien jghamel uzu mill-istess, allura huwa gust illi jigi mwettaq hlas ghal tali konsum. Ghalhekk, u in bazi ta' ekwita' qed jigi likwidat *arbitrio boni viri* l-ammont ta seba' mitt Euro (€700) bhala ammont li huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici in linea ta' hlas ghall-konsum ta' dawl u ilma fuq id-dghajsa bl-isem *'Neverland'*.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' *in parte* t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mitt Euro (€700.00), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------